# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-15 ta' Mejju , 2024

Avviz tat-Talba numru: 195/2023 CL

**Awtorita tad-djar**

**VERSUS**

**Jessica Muscat**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar id-29 ta' Mejju 2023 fejn l-Awtorita talbet sabiex lil-konvenuta thallas id-dejn dovut u cioe dak ta' elf u erbgha mitt euro (€1,400) jew somma verjuri kif deciz mit-Tribunal, liema ammont kien inhareg b'cekk sabiex il-konvenuta tkun tista' thallas l-ewwel kirja u l-ewwel depozitu lil sid il-kera tal-fond nru 2, Sqaq Nru 1, Triq il-Brija, Siggiewi (Dok B). Wara l-Awtorita' dahlet fi ftehiem mal-konvenuta permezz ta' skrittura (Dok A) fejn il-konvenuta kienet intrabtet illi fi zmien tlett gimghat mill-firma tal-istess skrittura kellha tissottometti applikazzjoni ghall-beneficju tal-kera, liema somma kellha tigi rifuza lill Awtorita tad-djar fl-intier taghha. F'kaz illi tonqos milli tissottometti din l-applikazzjoni. Bl-ispejjes u bl-interessi.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u fis-seduta tal-10 ta' April 2024 giet iddikjarata li kienet fi stat ta' kontumacja. L-Awtorita tad-Djar ipprezentat kapitoli fil-konfront tal-konvenuta u fis-seduta tal-24 ta' April 2024 meta l-konvenuta giet msejha ghas-subizzjoni din ma dehritx.

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati fosthom in-nota bl-affidavit ta' Andrew Xuereb, senior officer fis-sezzjoni legali tal-Awtorita' tad-Djar, li ikkonferma li l-ammont ta' €1400 kien dovut minn Jessica Muscat li kien inghata lil John Saliba bhala s-sid, ghal-ewwel kirja u l-

ewwel depozitu ghal kirja ta' fond 2, Sqaq nru 1, Triq il-Brija, Siggiewi. Il-konvenuta kienet intrabtet illi fi zmien tlett gimghat kellha tissottometti applikazzjoni ghal-beneficcju tal-kera izda dan ma kienx sar.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, il-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il konvenuta la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti u, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza socjeta attrici fl-udjenzi sussegwenti. Tali socjeta konvenuta ghalhekk, kienet fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza tal-24 ta' April, 2024.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad fid-decizjoni in re **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[1] illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut

[1] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998

lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, l-konvenuta la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u ghalhekk il-konvenuta kienet fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza tal-24 ta' April, 2024. Fid-dawl tal-provi ipprezentati u ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-Awtorita u konsegwentement jikkundanna lil-konvenuta thallas lill-istess Awtorita s-somma ta' bl- elf u erbgha mitt euro (€1,400) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mid-29 ta' Mejju 2023[2] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mill-konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[2] Data tal-preżentata tat-talba odjerna